MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2008

Numru. 271/2006

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet kontra Aaron Axisa ta' 24 sena iben Carmelo u Marianna nee Bartolo mwieled Pieta' fid-19 t'Awissu 1982 u residenti 28 Sqaq tal-Baġġi Żejtun u li għandu l-karta ta' l-identita' bin-numru 461582 (M).

Akkużat talli fit-8 t'Awissu 2006 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer:

2. a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-drogoa eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew għall-pewrsuna/I mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regolamenti ta' l-1939 għall-kontroll Intern td-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni

maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-dispożizzjonijjet tas-stii Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċnezja li jipprokura l-istes droga u dan bi ksur tar-regolamenti ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emednati u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kapa 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-eseprotazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-^ Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċnezja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanaifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-Liċnezja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tieħgu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif susegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il_Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

ċ) U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu strumenti bil-ponta u lijaqta' mingħajr ma kellu liċnezja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;

d) U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet ta' diversi sentenzi mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

3. Il-Qorti ntalbet ukoll li, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlasijiet ta' l-esperti ai termini ta' la-rtikolu 533(10 tal-Kap 9.

4. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi, iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat bin-numru 4615 ta' l-1982, il-fedina penali ta' l-imputat, l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tad-9 t'Awissu 2006, ir-risposta li ta l-imputat li huwa mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih (fol.7), **id-dikjarazzjoni magħmula mill-Prosekuzzjoni a fol.11 li l-imputat, jekk jinstab ħati għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101**, l-esibiti ppreżentati fis-seduta tas-17 t'Awissu 2006 fosthom mobile phone, flick knife, mwies u turnavit (fol.11), l-istqarrija ta' l-imputat a fol 17, it-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħatra ta' espert sabiex janalizza l-mobile phones kemm għat-telefonati kif ukoll sms messages, il-Proċes Verbal redatt minn Dr.Joseph Cassar u magħluq fis-27 ta' Settembru 2006 li fih kienu maħtura s-sur Godwin Sammut u PS 1147 A Fenech bħala esperti, ir-relazzjonijiet ta' dawn l-esperti, **u l-ammissjoni magħmula mill-imputat fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2007 liema ammissjoni huwa ngħata ħin xieraq sabiex jaħseb dwarha u li hu ikkonferma wara ż-żmien mogħti lilu (seduta 23 ta' Novembru 2007**) u l-verbal li fih l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidrat**

**5. Li ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, dawn huma ppruvati skond il-Liġi u għalhekk il-Qorti qed issibu ħati tagħhom.**

6. Ikkonsidrat li mill-provi li semgħet il-Qorti jirriżulta dan li ġej.

7. Fit-8 t'Awwissu, 2006 l-imputat kien osservat jagħmel kuntatt ma' terzi persuni. Saret tfittxija fuq l-imputat meta ħareġ minn sanck bar fil-limiti tal-Gudja u minn fuqu kien elevate container kulur silver tal-metall u li fih kien hemm madwa 10 grammi trab kannella allegatament eroina. Kienu levati wkoll mobile phone mudell Nokia, u flick knife bil-manku kannella. Kienu elevati wkoll numru ta' mwies u flick knives mill-vettura ta' l-imputat. (fol.13). Dan kien ikkonfermat mix-xhieda PC 10 Trevor Cassar Mallia, PC 553 Ryan Pace u PC 246 Vincent Decesare..

8. Mir-residenza ta’ l-imputat kienu elevate diversi oġġetti relatati mad-droga inklużi boroż tal-plastik bi traċċi ta’ trab kannella fuqhom u qartas ieħor kannella li fih kellu madwar gramma. Huwa kien għadu kif xtara 10 grammi minn għand persuna oħra li għalihom ħallas Lm120. Huwa kien ta d-dettalji tal-persuna li fornietu d-droga. Dan kien ikkonfermat minn PC 279 Kevin Gauci (fol.34 et) u minn PC 138 Joseph Portelli (fol.108)

9. Mill-istqarrija ta’ l-imputat jirriżulta li kien xtara għaxar grammi droga eroina u li kien ilu bil-vizzju tad-droga. Huwa sostna li d-droga kienet għalih. Huwa kien jikkonsma jew gramma jew ħames grammi kull jum skond kemm kien ikollu. Mill-messaġġi irriżulta li kien hemm kuntatt ma’ persuna oħra fejn l-imputat kien jagħtiha mid-droga tiegħu. Huwa kien jagħti b’xejn lil xi ħbieb tiegħu u meta ma jkollux jagħtuh huma. Fil-mobile kien hemm ħafna messaġġi jitolbuh jiftakar fihom. L-imputat ammetta wkoll li l-biċċiet tal-karti meduin minn scrap book kienu tiegħu u kien jużahom minħabba l-vizzju tiegħu.

10. Mill-Proċes Verbal jirriżulta li PS 1147 Antoine Fenech ħa diveris ritratti (fol.59, 62-64).

11. L-espert Godwin Sammut ikkonferma li l-piż tat-rab kien ta’ 11.15 grammi eroina li kellu purita’ ta’ ċirka 23%. (fol.77 paragraph (a))

12. Xehed diversi drabi s-sur Ray Grech u miegħu ukoll il-Probation Officer is-sinjura Marietta Lanzon. Fis-seduta tat-18 ta’ Diċembru 2006, is-Sur Ray Grech xehed li l-imputat kien sejjer mhux ħażin iżda fis-6 ta’ Lulju 2007 huwa rrimarka li l-imputat kien sospiż mill-programm (fol.119) għalkemm kien lest li jerġa’ jaċċetta lill-imputat biex dan isegwi program. Il-Proabtion Officer spjegat li ma ma jsegwix ir-regoli jista’ jerġa’ jispiċċa l-Faċilita’ Korrettiva t’ Kordin. (fol 122). Hija qalet ukoll li jkun aħjar li l-imputat imur għall-programm wara li jkun issentenzjat.

13. Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 17(f), 17(h), **261(g), 271(g), 281(a)**[1] tal-Kap 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii),u 22(1B) **u 29** tal-Kap 101, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, l-artikolu 13(1) tal-Kap 66 ( li kien fis-seħħ fi żmien ir-reat), l-artikolu 23(1)(a)(2) tal-Kap 446 issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih bit-tieni imputazzjoni assrbita fl-ewwel waħda.

14. Dwar il-piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni li l-imputat jimmerita l-benefiċċju li jagħti l-artikolu 29 tal-Kap 101 f'żewġ gradi. Min-naħa l-oħra, għalkemm saret l-ammissjoni, din saret wara li kienu nstemgħu x-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni u għaldaqstant din ma kenitx waħda bikrija.

15. Il-Qorti qed tqis ukoll li l-imputat wettaq reat meta kien taħt probation u li għalhekk huwa applikabbli l-artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446, li kellu f'idejh strumenti bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Pulizija, li jidher li kien ta d-droga lil ħadd ieħor diversi drabi u fl-aħħarnett l-ammont ta' droga li kellu meta nqabad mill-Pulizija.

16. Għalhekk il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' **26** xahar minn liema terminu għandu jitnaqqas kwalunkwe żmien li l-imputat għadda taħt arrest preventiv minħabba dan ir-reat u għall-ħlas ta' multa ta' E 1863.50 Euros(Lm800) li tista' titħallas bir-rata ta' mitt Euro (E100) kull xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekek ma titħallasx xi parti mill-multa din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull E.11.65 (Euros) (jew b'rata aktar favorevoli għall-imputat jekk din il-figura tinbidel) mhux imħallsa.

17. Ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż ta' l-esperti li nħatru waqt l-inkjesta, liema esperti nħatru wara is-16 ta'

[1] Ara l-aħħar imputazzjoni b'applikazzjoni ta' la-rtikolu 17(b) tal-Kap 9.

Jannar 2006 u għaldaqstant id-dispożizzjoni ġdida dwar il-ħlas ta' l-esperti matul il-mori ta' inkjesta hija applikabbli. L-ammonti huma ta' Lm125.08 kif ukoll ta' Lm31 li flimkien jagħmlu Lm156.08 jew 363.50 Euros. Dawn għandhom jitħallas u fi żmien xahar mil-lum inkella jinbidlu f'jiem priġunerija bir-rata ta' jum priġunerija għal kull 11.65 Euros li ma jitħallsux.

18. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------